28 ta' Ġunju, 1952.

Imħallef :

L-Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Amadeo Mea et. *versus* Albert Borg et.

**Aċċettazzjoni ta' Eredità — Atti ta' Eredi — Prova — Bejgħ ta' Oġġetti tal-Wirt — Ħlas ta' Djun ta' l-Eredità — Mara — Art. 891 (3) tal-Kodiċi Ċivili.**

*Tirrikorri l-aċċettazzjoni ta' eredità meta l-werriet jagħmel xi att li bilfors ifisser li huwa ried jaċċetta l-wirt, u li ma kienx ikollu l-jedd li jagħmel jekk mhux bħala werriet.*

*Fost ir-rekwiżiti meħtieġa biex tirrikorri l-aċċettazzjoni taċita ta' l-eredità l-aqwa wieħed huwa l-intenzjoni; u mhux biżżejjed li l-att jirrivela din l-intenzjoni, imma l-att irid ikun tali il jimplika b'mod neċessarju u inekwivokabili l-volontà f'min jagħmlu li jaċ-*

*ċetta l-eredità; b'mod li l-att ma jkunx konċiljabili ma' volontà u intenzjoni diversa, u bil-konsegwenza li l-atti ekwivoċi jeskludu dina l-intenzjoni u volontà.*

*Il-prova ta' dan l-att, u li dan l-att jammonta għal aċċettazzjoni tal-wirt, għandha ssir minn min jallega din l-aċċettazzjoni; u fid-dubju għandha tiġi eskluża favur is-suċċessibili u kontra min jallegaha.*

*Min jiddisponi minn oġġett provenjenti mill-eredità ma jiġix li aċċetta l-wirt jekk huwa ma jkunx werriet.*

*Jekk is-suċċessibili jħallas dejn ta' l-eredità bi flus tal-wirt, huwa jagħmel att li jammonta għal aċċettazzjoni tal-wirt, salvi xi eċċezzjonijiet; jekk dak id-dejn iħallsu bi flusu, l-att tiegħu ma jammontax għal aċċettazzjoni ta' l-eredità.*

*Il-mara miżżewġa ma tista' qatt tiġi ritenuta li aċċettat l-eredità, jekk ma jiġix pruvat li hija ġiet awtorizzata minn żewġha biex taċċetta l-wirt.*

*L-atti ta' eredi kompjuti minn wieħed mill-eredi, u li jimplikaw aċċettazzjoni ta' l-eredità, ma jippreġudikawx lis-suċċessibili l-oħrajn.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi talbu li, peress li l-attur Mea kien silef lill-mejjet Albert Doublet is-somma ta' £150, pagabili bil-£5 fix-xahar mit-30 ta' Lulju 1949, in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Oscar Azzopardi tas-6 ta' Lulju 1949 (dok. A); u peress illi l-attur Borg kien silef lill-istess mejjet Albert Doublet is-somma ta' £60, liema somma l-mutwatarju kellu jirrestitwiha wara sitt xhur "di fermo" u sitt xhur "di rispetto" mid-data ta' l-att, u dan in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Oscar Azzopardi tas-27 ta' Mejju 1948 (dok. B) — dana oltre krediti oħra li għandhom l-istess atturi kontra l-istess Albert Doublet; u peress li l-konvenuti, in forza ta' nota preżentata fis-Sekond'Awla tal-Qorti *Ċivili fil-21 ta' April 1951 (dok. C), irrinunzjaw għall-eredità* ta' missierhom l-imsemmi Albert Doublet, wara li dawn għamlu atti ta' eredi, billi biegħu car "Vauxhall" numru 2099 li kienet tappartjeni lil missierhom Albert Doublet; u hemm premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, tiġi l-imsemmija nota ta' rinunzja għall-eredità ta' missierhom Albert Doublet dikjarata minn dina l-Qorti nulla u ta' ebda effett, u dan għar-raġuni fuq indikata; u konsegwentement il-konvenuti jiġu dikjarati eredi ta' missierhom Albert Doublet. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi jippretendu li l-konvenuti ma setgħux jirrinunzjaw għall-eredità ta' Albert Doublet, missierhom, għax dawn kienu ġa taċitament aċċettawha bil-fatt li biegħu karrozza "Vauxhall" nru. 2099, li kienet tappartjeni lil dik l-eredità;

Illi qabel xejn huwa xieraq li jiġu rikapitolati xi prinċipji li jirregolaw il-materja ta' l-aċċettazzjoni taċita ta' l-eredità:—

1. Skond l-art. 691 (3) tal-Kodiċi Ċivili, dina x-xorta ta' aċċettazzjoni tirrikorri meta l-werriet jagħmel xi att li bilfors ifisser li huwa ried jaċċetta l-wirt, u li ma kienx ikollu l-jedd li jagħmel jekk mhux bħala werriet. Aktar ċara kienet id-diċitura ta' dina d-dispożizzjoni fl-oriġinal Taljan ta' l-art. 553 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868, hawn riprodotta għall aħjar intelliġenza tal-korbllarji li ġejjin:— "L'accettazione è tacita quando l'erede fa un atto che suppone necessariamente la sua volontà di accettare l'eredità, e che non avrebbe il diritto di fare se non nella qualità di erede". Minn dan jidher li, biex tirrikorri dina l-aċċettazzjoni, jeħtieġ (a) li jkun hemm suċċessibili (b) li dana s-suċċessibili jkollu l-intenzjoni li jaċċetta l-eredità, (c) li huwa jagħmel xi att li jista' jagħmel biss bħala werriet, u (d) li minn dana l-att tidher neċessarjament il-volontà tiegħu li jaċċetta l-wirt;

2. Fost dawn ir-rekwiżiti l-aqwa wieħed huwa l-intenzjoni. F'din il-materja, igħid Ricci, "si ha riguardo più alla volontà dalla quale l'atto procede, che all'atto stesso materialmente considerato" (Diritto Civile, Vol. IV, § 30); iżda, skond is-sistema tal-liġi viġenti, mhux bizżejjed li l-att jirrivela intenzjoni kwalunkwe; dak l-att irid ikun tali li jimplika b'mod neċessarju u inekwivokabili l-volontà f'min jagħmlu li jaċċetta l-wirt. Maġistrali f'dan ir-rigward hu l-insenjament tal-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà tar-Reġina fil-kawża "Azzopardi vs. Mallia", deċiża fis-6 ta' Novembru 1916:— "Mentre secondo l'antico diritto bastava per l'accettazione dell'eredità un atto qualunque esprimente la volontà d'essere erede, per cui la tacita accettazione poteva emergere da un fatto che per sè stesso non supponeva di necessità l'intenzione di ac-

cettare l'eredità, il diritto nuovo, ad eliminare gli apprezzamenti fondati su verisimiglianze più o meno fondate, vuole che l'atto da cui si voglia inferire l'accettazione debba essere tale da supporre, non solo certamente, ma necessariamente, la volontà di accettare (Kollez. XXIII—I—254);

3. Għalhekk, biex ikun hemm aċċettazzjoni, hemm bżonn li l-atti li minnhom tiġi deżunta jkunu serji u univoċi, li minnhom ma tkunx tista' tinġibed konsegwenza oħra ħlief li min għamilhom ried jaċċetta l-eredità (Kollez. XXX—II—256); b'mod li ma jkunux konċljabili ma' volontà u intenzjoni diversa (Kollez. XXIII—I—254); bil-konsegwenza li atti ekwivoċi jeskludu l-volontà u l-intenzjoni fuq imsemmija;

4. Il-prova ta' dawna l-atti, u li dawna jammontaw għall-aċċettazzjoni tal-wirt, għandha ssir minn min jallega dina l-aċċettazzjoni, in forza tal-prinċipju ordinarju li "probatio incumbit ei qui dicit" (Ricci, op. cit., Vol. IV, §§ 30 u 32; Vitali, Successioni, Vol. V, §171);

5. Fid-dubju, l-aċċettazzjoni għandha tiġi eskluża, favur is-suċċessibili u kontra min jallegaha (Ricci, op. ċit., u loc. ċit., no. 33);

Premessi dawna l-prinċipji, ikkunsidrat;

Illi l-atturi jippretendu, qabel xejn, li l-konvenuti aċċettaw il-wirt ta' missierhom bil-fatt li wara mewtu biegħu l-karrozza fuq imsemmija, li kien xtara hu minn għand id-ditta "Mamo Brothers (1939) Limited", u li għalhekk kienet proprjetà tiegħu. Dina l-pretensjoni, minħabba l-provi li saru, mhijiex sostenibili. Irriżulta infatti:— 1. Illi l-mejjet Albert Doublet qatt ma ried jixtri karrozza, u għamel li seta' biex jiddisswadi lill-konvenut Albert ibnu milli jixtriha; 2. illi l-istess konvenut kellu disponibili għall-karrozza £100 biss, u ma setax iħallas nofs il-prezz ta' karrozza, li kienet tiswa £480 skond proposta li ġieblu Robert Soler; 3. illi għalhekk il-konvenut irrikorra lejn missieru biex dana jipprokuralu aġevolazzjoni.................; 8. il-bilanċ tal-prezz, wara li ħallas l-imsemmi dejn, ħadu kollu l-konvenut bħala sid il-karrozza;

Ikkunsidrat;

Illi dawna ċ-ċirkustanzi juru univokament li l-karrozza

ma kienetx tappartjeni lill-mejjet Albert Doublet, iżda lil ibnu, u għalhekk il-bejgħ tagħha ma jista' qatt ikun att ta' aċċettazzjoni tal-wirt tiegħu. Xejn ma jiswa li l-iskrittura mad-ditta venditriċi saret mad-decujus, għaliex hu kien qiegħed jaġixxi *fl-interess biss ta' ibnu.* Lanqas għandu importanza l-fatt li l-konvenut fix-xiri ma kienx preżenti, għaliex hu kien bagħat floku lil Robert Soler, dilettant u intenditur ta' karrozzi. Lanqas jiswa, fl-aħħarnett, li, skond ma xehed Francesco Borg, il-konvenut kien qallu li meta tinbiegħ il-karrozza hu jċedi sehmu mill-prezz lil ommu biex tħallas id-dejn ta' missieru; *għaliex dina ċ-ċirkustanza ġiet* kategorikament miċħuda mill-konvenut fix-xhieda tiegħu;

Ikkunsidrat;

Illi, barra mill-bejgħ tal-karrozza msemmi fiċ-ċitazzjoni, l-atturi qegħdin jippretendu li l-konvenuti għamlu atti ta' eredi, meta nbiegħet il-fregatina li kellu l-missier u ħallsu parti mid-dejn tal-wirt;

Illi, rigward il-bejgħ tal-fregatina, għandu jiġi rilevat li dan sar mhux mill-konvenuti, imma mill-armla ta' Albert Doublet li, għad li bħala parteċipanti fil-komunjoni ta' l-akkwisti konjugali setgħet kienet astrattament komproprjetarja f'dik il-fregatina, għall-parti ta' żewġha dana l-bejgħ ma seta' qatt *jikkostitwixxi att ta' eredi, peress li hija mhix eredi ta' żewġha*, kif jirrikonoxxu l-istess atturi bil-fatt li ma ħarrkubiex fil-kawża;

Illi kwantu għall-ħlas tad-dejn, dana jirrigwarda biss il-£200 li l-konvenut Albert Doublet kien issellef minn għand Joseph Bugeja, kif issemma fuq. Hawn, skond id-dottrina, *trid issir distinzjoni bejn ħlas ta' dejn bi flus tal-wirt u dejn* li jħallas is-suċċessbili bi flusu, tant għax tenut skond il-liġi, kemm għax iħallas minn rajh. Fl-ewwel ipotesi, salvi xi eċċezzjonijiet, ikun hemm aċċettazzjoni ta' l-eredità. Mhux hekk però fit-tieni każ, għal dawn ir-raġunijiet :— 1. Għaliex is-suċċessibili jista' jkun obligat iħallas, bħala kondebitur jew *garanti, bi ħwejġu (Baudry — Suċċessjoni, Vol. II, § 1142)*; 2. għaliex, anki bħala terza persuna kwalunkwe, għandu dritt iħallas id-dejn ta' ħadd ieħor, skond l-art. 1191 (Kodiċi Ċivili), bl-intenzjoni preżunta li wara jdur fuq il-wirt (Baudry, op. ċit., no. 1142; u Pacifici Mazzoni, Successioni, V. §37.

paġ. 77); u 3. għaliex jista' s-suċċessibili jħallas id-dejn b'rispett għall-memorja tad-decujus (Laurent, Diritto Civile, Vol. IX, no. 328) — u dan hu biżżejjed biex jeskludi l-intenzjoni f'min iħallas li jaċċetta l-wirt;

Illi mill-provi jirriżulta li l-konvenut ħallas id-dejn ta' Bugeja mill-flus tal-bejgħ tal-karrozza, li kienet proprjetà tiegħu, u b'hekk huwa ma għamelx ħaġ'oħra ħlief kompla l-obbligu minnu formalment assunt bis-self; bil-konsegwenza li dana l-att mhux univoku, u ma jwassalx għall-pretiża aċċettazzjoni taċita ta' l-eredità;

Illi, fil-konfront tal-kovenuti l-oħra, l-atturi ma ppretendewx li dawna ħallsu dejn tal-wirt. Del resto, il-konvenuti Carmelina Soler u Doris Azzopardi, minħabba l-inkapaċità tagħhom bħala nisa miżżewġin, qatt ma kienu jistgħu jaċċettaw taċitament il-wirt, mingħajr ma jkun pruvat li ġew awtorizzat minn żwiegħom (Kollez. Vol. XXX—II—256);

Ikkunsidrat, fl-aħħarnett, li d-dikjarazzjonijiet u promessi talvolta magħmula mill-armla tad-decujus ma jistgħux ikollhom importanza f'dina l-kawża; mhux biss għax saru minn persuna li mhix eredi, iżda għaliex, f'materja ta' aċċettazzjoni ta' eredità, ir-responsabilità ta' l-atti li jinduċuha hija individwali, u dak li jagħmel wieħed mis-suċċessibili ma jippreġudikax lill-oħrajn;

Ikkunsidrat;

Li mill-provi mismugħa l-atturi ma rnexxilhomx jissostanzjaw fil-konvenuti l-allegata aċċettazzjoni tal-wirt ta' missierhom;

Għal dawn il-motivi tirrespinġi d-domandi ta' l-atturi; bl-ispejjeż.